TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 40/16/F

**Johanna Galea**

**vs**

**James Armeni – Lepo Garage**

Illum ta' Lulju, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Frar, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija u erbgħin ewro (€140), rappreżentanti spejjeż li ntefqu fuq il-karozza sabiex terġa' ġġib ir-*rooftop* jerġa' jaħdem.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi hija kienet ħadet il-vettura tagħha Opel għand l-intimat sabiex tirranġa s-saqaf li kien jinfetaħ u minkejja li ħaditha lura, s-saqaf xorta baqa' bil-problema.

L-intimat issottometta li kien biddillu diversi parts, inkluż il-gears pero' xorta baqgħet bil-problema. Għalhekk ħadha għand l-aġent tad-ditta Opel sabiex jieħu opinjoni ta' xi problema jista' jkollha u ċċarġjah mitejn u wieħed u sittin ewro (€261). Illi wara li ġabha lura mingħand id-ditta Opel, xorta baqa' bil-problema.

L-intimat issottometta li kien hemm diversi problemi fuq dan is-saqaf u t-Tribunal qiegħed jaċċetta li l-intimat għamel diversi riparazzjonijiet, pero' ma ġabux jaħdem. It-Tribunal, qal li sabiex ħadha għand l-aġent ta' l-Opel, messu ottjena permess mingħand ir-rikorrenti għax ovjament dan kien jinvolvi aktar flus.

It-Tribunal, jinnota wkoll li minkejja li dan sar, fuq kollox is-saqaf baqa' ma ttranġax. It-Tribunal għalhekk, jinnota li l-intimat għamel xogħol għalkemm mhux kollu għax ir-*rooftop* baqa' bil-problema, mhux qed jaċċetta illi ħadha għand l-aġent sabiex jieħu opinjoni mingħajr permess tar-rikorrenti.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jaċċetta l-fatt illi l-intimat jitħallas mija u erbgħin ewro (€140) ta' xogħlu, pero' mhux qed jaċċetta illi r-rikorrenti tħallas mitejn, u wieħed u sittin ewro (€261), ta' meta ħadha għand l-aġent u b'hekk tintemm il-kwistjoni tax-*showroom*, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**